**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 625/2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Adrian Zammit**

**Illum, it-22 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Adrian Zammit, bil-karta tal-identità numru 568082M, li permezz taghhom gie akkuzat talli:

1. *Akkuzat talli fil-kapacita tieghek personali u/jew bhala Direttur ta' Key Contractors Limited bhala persuna li thaddem nhar is-17 t'Ottubru 2016 matul il-gurnata, ghal habta ta' 12:30pm u fil-granet ta'qabel, fl-istabbiliment bl-isem 'Eurosport, Catalunya Building, Psaila Street, Birkirkara, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew fil-professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunajt il-mewt ta' Martino Orvieto u dan ai termini tal-Art 225 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' qabel nqast milli thares is-sahha u sigurtà ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi nqast milli tiehu l-*

*passi necessarji kollha sabiex jigu evitati danni fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' artikoli 6 (1) ta' Att 27/2000 Kap 424;*

3. *Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta'qabel bhala persuna li thaddem inqast milli tiehu l-mizuri necessarji biex jigi evitat dannu fiziku u/jew psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol li ghandhom jittiehdu fuq bazi generali ta' prevenzjoni fosthom li jigi evitat riskju, l-identifikazzjoni ta' perikli assocjati max-xoghol, l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati, il-kontroll mil-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati, li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskju kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, li tinghata prijorita' lill-mizuri ta' protezzjoni kollettivi fuq mizuri ta' protezzjoni individwali u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (2) (a) (b) (c) (e) (f) ta' Att 27/2000 Kap 424;*

4. *Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' qabel bhala persuna li thaddem inqast milli tipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-taghlim, dak it-tahrig u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-Sahha u s-Sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikolu 6 (3) ta' Att 27/2000 Kap 424;*

5. *Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' qabel bhala persuna li thaddem, inqast li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini tal-artikolu 10 (1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18);*

6. *Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' qabel fil-kapacita' tieghek ta' persuna li thaddem inqast milli tizgura li jinghata kull tghamir protettiv personali li jkun ihares dawk id-dispozizzjonijiet specifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tizgura li fejn hemm il-presenza ta' riskju, il-haddiem jilbes taghmir protettiv personali, liema apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti partikularment ta' waqghat mil-gholi. Nqast ukoll li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' uzu ta' tghamir protettiv personali, b'mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm il-bniedem ikun espost ghar-riskju, il-karatteristici tal-post*

*tax-xoghol ta' kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda tiehu l-mizuri kollha xierqa sabiex tizgura li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Nqast li tizgura li dan it-tghamir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u tizgura li dan it-taghmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni igjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' bicciet mehtiega. Nqast milli tara li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali tavzah dwar ir-riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontrihom. Nqast wkoll li tizgura li jigi kkonsultat ir-Rapprezentant ghas-Sahha u s-Sirgurta' tal-Haddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10 (1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21);*

7. *Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' qabel nqast milli bhala persuna li thaddem li tizgura s-Sahha u s-Sirgurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u taghmel arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li tikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u nqast ukoll li tiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandek tipprevjeni riskji fuq il-post tax-xoghol u tipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' artikoli 4 (1)(2) u (3) ta' l-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);*

8. *Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' qabel inqast milli bhala persuna li thaddem tizgura li kull haddiem jircievi tahrig adegwat fuq is-sahha u s-sigurta', partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet specifici ghall-istazzjon tax-xoghol u ghax-xoghol assenjat u dan ai termini ta' artikolu 14 (1)(2) ta' l-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);*

9. *Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' qabel ghamilt uzu minn 'scaffold' li ma kienx adatt skont in-natura tax-xoghol li jkun li jkun ser jitwettaq u adatt ghat-taghbijiet li jkunu ser jingarru u li jippermetti xoghol u moghdija fis-sigurta', li l-ucuh tal-pjattaformi ghandhom ikunu armati b'tali mod li l-komponenti taghhom ma jkunux jistghu jimxu f'uzu normali u li ma jkun hemm ebda xquq perikoluzi bejn il-komponenti tal-wicc u s-salvagwardji kollettivi vertikali li jevitaw il-waqghat u dan ai termini Skeda 1 artikoli 5.16 ta' A.L. 293/16.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta lill-imputat Adrian Zammit bhala recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien*

*gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.*

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Provi prodotti f' din il-kawza</u>**

F'din il-kawza, gie pprezentat il-procès-verbal numru 779/2017 rigwardanti dan l-incident.

Waqt is-smigh ta' din il-kawza, xehdu s-segwenti xhieda:

**Joseph Saliba** pprezenta l-*Employment History* ta' Adrian Zammit li huwa mnizzel bhala *provisional* peress li kellu zewg *full time employments*, u cioè wiehed ta'P*roject Manager self-employed* u iehor bhala Direttur ma' Key Contractors, filwaqt li ddikjara li ma ghandhomx *records* ta' Martino Orvieto.

**WPS198 Jennifer Caruana** xehdet li nhar is-17 ta' Ottubru, 2016, ghall-habta tas-siegha nieqes kwart ta' wara nofsinhar, kienet infurmata li kien ghadu kif waqa' persuna gewwa Eurosport, Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Spjegat li kif marret fuq il-

post, sabet li l-vittma digà kien ittiehed bl-ambulanza. Qalet li tkellmet mas-Sinjura Victoria Pace Peresso, Direttrici ta' Michele Peresso Limited, li qaltilha li ma kinitx rat l-incident isehh, izda kienu infurmawha mal-ewwel, u infurmatha wkoll li l-vittma kien qed jahdem fuq *scaffolding* fit-tieni sular. Kompliet tghid li hi tkellmet ukoll mas-Sur Martin Sant, li hu *Security* fuq il-post, li wkoll qal li ma rax lill-vittma, Martino Orvieto, jaqa', però kien sema' hoss u mar jara x'gara, fejn ra l-vittma mal-art u talab ghall-assistenza. WPS198 tkellmet ukoll ma' Anthony Spiteri, impjegat mal-kumpanija Michele Peresso Limited, li qalilha li ghalkemm kien qed jahdem fit-tieni sular, hu ma rax lill-vittma jaqa', u ma semax ghajjat. WPS198 stqarret li tkellmet ukoll ma' Craig Pettingal, Nicolosi Cristoforo u Sebastiano Campanelli, u cioè impjegati ta' Key Contractors Limited, li infurmawha li kienu qed jahdmu f'postijiet separati u li dakinhar, kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol tal-vittma, Martino Orvieto, u li ma rawx l-incident isehh. Kompliet tispjega li Dr Mary Rose Cassar kienet ezaminat lill-vittma u ccertifikat li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi u kien qieghed fil-periklu tal-mewt, bil-konsegwenza li hija nfurmat lill-Ispettur tal-Ghassa Elton Taliana. Ziedet li fit-18 ta' Ottubru, 2016, in-*nurse* tal-ITU, Matthew Scerri, infurmaha li l-vittma kien ghadu f'kundizzjoni kritika, u fl-20 ta' Ottubru, 2016, Dr Petra Cortis infurmatha li l-vittma kien miet ghall-habta tal-hdax u kwart ta' filghodu, izda kien ser isir it-tieni *brain test* ghad-9:30pm.

**Norbert Ciappara in rapprezentanza tal-Occupational Health and Safety Authority** spjega li fis-17 ta' Ottubru, 2016, hu flimkien mal-kollega tieghu, Joseph Cremona, gew infurmati b'incident li sehh gewwa Eurosport ta' Birkirkara u marru fuq is-sit biex jaghmlu l-indagini taghhom. Xehed li meta wasal fuq il-post, ra fil-pjan terran kien hemm ghadira demm u kien gie nfurmat li waqa' persuna mit-tieni sular, filwaqt li kompla jispjega li huwa tela' fit-tieni sular biex jara l-i*scaffolding* li kien qieghed fuq il-bokka tal-*escalator* u nnota diversi nuqqasijiet, fosthom puggamani baxxi, nuqqas ta' access adegwat u li ma kienx ikopri z-zona kollha tal-bokka tal-*escalator*. Ix-xhud qal li mill-investigazzjonijiet, irrizulta li s-socjetà Michele Peresso Limited kienet qabdet lis-Sur Michael Azzopardi ta' Switch Limited biex taghmel *refurbishment* tat-tieni sular, b'din tal-ahhar kellha tiehu hsieb id-disinn, kif ukoll tqabbad il-kuntratturi biex jaghmlu x-xoghol, u wiehed mill-kuntratturi li tqabbdu kien, Key Contractors Limited, ma' min kien jahdem Martino Orvieto. Spjega li dakinhar kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol ta' Martino Orvieto, u ghalkemm kien hemm haddiema ohra tal-istess kumpanija, Martino Orvieto kien qieghed jahdem wahdu minghajr supervizjoni, u lanqas ma nghata t-tahrig adegwat fuq is-sahha u s-sigurta. Xehed li Michele Peresso Limited naqsu ukoll milli jqabbdu *Project Supervisor*, hekk kif inhu mitlub mil-Avviz Legali 281 tal-2013. Michael Peresso qal lil Norbert Ciappara, li huma kienu qabdu lil Shields Limited, izda Shields Limited kien gie inkarigat ghal

*risk assessment* ghal fini ta' *insurance* u ma kinux *Project Supervisors*, u miz-zewg zjarat li Shields Limited kien ghamlu, wahda fl-10 ta' Ottubru, 2016, u ohra fl-14 ta' Ottubru, 2016, hadd ma kien informahom li fil-15 ta' Ottubru, 2016, kien ser jintrama *scaffolding*. Qal li l-i*scaffolding* kien intrama minn Scaffolding Solutions, li hija ditta taht il-kumpanija Vassallo Builders, u li kien iccertifikat mil-Perit Reuben Vassallo nhar 17 ta' Ottubru, 2016, wara li sehh l-incident, però r-rapport kien *backdated* ghall-15 ta' Ottubru, 2016, filwaqt li zied jghid li l-Perit iccertifika l-i*scaffolding* minn ritratti, u li tali *scaffolding* giet ordnata minn Michele Peresso Limited. Intqal li minhabba f'hekk, il-kumpanija dahlet speci f'relazzjoni ta' impieg ma' Martino Orvieto, peress li provdiet ghodda biex l-istess Orvieto jahdem biha. Kompla jghid li hu tkellem ma' Adrian Zammit, Direttur ta' Key Contractors Ltd, fejn dan tal-ahhar kien infurmah li dak inhar ghal Martino Orvieto, kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol tieghu u li ma kienx inghata t-tahrig fuq is-sahha u s-sigurtà u lanqas tahrig iehor, u lanqas ma ddiskutew xi evalwazzjoni ta' riskji. Huwa xehed li fir-rapport tieghu ikkonkluda, li l-i*scaffolding* ma kienx *up to standard*.

Norbert Ciappara kompla jixhed nhar is-17 ta' Ottubru, 2019, fejn spejga li hu flimkien mal-kollega tieghu, Joseph Cremona, marru fuq is-sit biex jaghmlu l-indagini taghhom, ghax gew infurmati li sehh incident fil-binja ta' Eurosport, Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Qal li kif dahlu, gew indikati, lejn in-naha tal-*escalator* fejn kien hemm ghadira ta' likwidu skur, li kien suspettat li kien demm, u fejn kien qed jigi allegat li waqa' Martino Orvieto, li kien qed jahdem fit-tielet sular tal-binja. Spjega li s-Sur Michael Peresso, Direttur ta' Michele Peresso Ltd, kien infurmah li kienu qeghdin jaghmlu rinovar tat-tielet sular, u ghal dan ix-xoghol kienu qabdu lil Switch Ltd, cioè Michael Azzopardi, biex ikunu bhala *Project Manager*, li ghal xoghol ta' tibjid u tikhil kienu qabdu lil Key Contractors Ltd, direttur taghha huwa Adrian Zammit. Kompla jispejga li s-Sur Michael Peresso kien qallu wkoll, li meta x-xoghol kien wasal ghat-tibjid ta' fuq l-*escalator,* huwa kien avza lis-Sur Michael Peresso li kien hemm bzonn ta' *scaffolding*. Tenna jghid li nhar l-incident, is-Sur Peresso kien akkumpanjat mill-avukat tieghu, Dr Stefano Filetti, fejn kien qallu biex jaghti l-verzjoni tieghu dakinhar stess. Qal li peress li ma kienx l-espert tal-Qorti, kien informa lill-Espert tal-Qorti, il-Perit Mario Cassar, u l-Perit kien talab lill-Magistrat Inkwerenti jekk l-istess Ciappara setax ikun prezenti waqt li l-Perit ikun qed jigbor ix-xhieda, u biex jekk l-istess Ciappara kellu xi mistoqsijiet ulterjuri, kien jaghmilhom lill-Perit Mario Cassar, biex hu jaghmilhom lil min qed jaghti x-xhieda tieghu. Xehed li l-i*scaffolding* kien mghotti bil-*plastic* u kien hemm barmil u *roller* taz-zebgha, u zied li ghalkemm l-i*scaffolding* kien sod, bhala struttura kien fiha diversi nuqqasijiet, fosthom li kellha hafna vojt ikkumparat mal-bokka tal-*escalator*, poggamani baxxi, access mhux adegwat. Kompla jghid li fil-presenza tal-Perit Mario Cassar, is-Sur Michael Peresso kien qalilhom li x-

xoghol kien beda fl-ahhar ta' Settembru, bidu ta' Ottubru, u li l-*insurance* kienet talbithom jaghmlu *risk assessment*, li kien sar mil-kumpanija Shields Consultancy. Zied li fix-xhieda ta' Michael Peresso, hu kien qalilhom li Michael Azzopardi kien gabilhom *quotation* ta' Scaffolding Solutions, ghall-pjattaforma li kien hemm bzonn u Scaffolding Solution kienu armaw din il-pjattaforma fil-15 ta' Ottubru, 2016, fejn is-Sur George Azzopardi kien responsabbli u li Michael Peresso qalilhom li c-certifikat tal-i*scaffolding* kien inhareg it-Tnejn 17 ta' Ottubru, 2016, fit-15:15, jigifieri saghtejn wara li kien sehh l-incident.

Qal ukoll li l-Perit Mario Cassar kien kellem lil Albert Galea, *General Manager* ta' Key Contracts Ltd, li kien qalilhom li Martin Orvieto kien fuq l-ewwel jum tax-xoghol tieghu, teknikament lanqas id-dettalji ezatt ma kellu, ghax kienu ghadhom qeghdin fil-process li jirregistrawh, fil-fatt kienu gew gwidati ghand is-Sur Adrian Zammit, id-Direttur ta' Key Contracts Ltd. Qal li hu tkellem ma' Edmond Vella, *Health and Safety Officer* ta' Shields, u qallu li huwa gie ingaggat ghal *Risk Assessment* ai fini ta' *insurance* u mhux bhala *Project Supervisor* ai termini tal-Avviz Legali 281. Tenna jghid li wara, u cioè bejn 1 ta' Novembru u l-25 ta' Novembru, Shields kienu *Project Supervisors*, izda wara kienu AME li hadu dan l-irwol. Nicholas Ciappara qal li Michael Peresso kien provda *Health and Safety Plan* fid-19 ta' Ottubru 2016, fejn ukoll kien hemm rapport ta' Shields maghmul minn Edmond Vella wara li sehh l-incident, fejn indika n-nuqqasijiet rigwardanti l-i*scaffolding*. Qal ukoll li hu tkellem mal-Perit Reuben Vassallo, Direttur ta' Vassallo Builders, fejn dan kien qallu li ghalkemm l-istruttura giet armata il-15 ta' Ottubru, 2016, hu ma kien ta l-ebda *go ahead* biex tintuza, izda wkoll kien hareg certifikat datat 15 ta' Ottubru, fuq persistenza tas-socjetà Michele Peresso. Nicholas Ciappara qal li flimkien mal-Perit Cassar, kienu kellmu wkoll lill-haddiema l-ohra ta' Key Contracts Ltd, lil Craig Patingelli, Ibrahim Mohammed, Sebastian Campanello u Nicolasi Kristoforo, fejn dawn kollha qalu li dakinhar ma kienx hemm *Supervisor* maghhom, u li hadd minnhom ma ra lil Martino Orvieto jaqa'. Ciappara qal li minn CCTV ezebit ukoll fil-Qorti, jidher li Martino Orvieto waqa' minn naha tal-lemin, fil-parti vojta bejn il-bokka tal-*escalator* u l-i*scaffolding*. Ciappara tenna jghid li Adrian Zammit naqas milli jaghmel *risk assessment* ghall-haddiema tieghu. Huwa xehed li r-*risk assessments* minghand Shields Ltd, hu kien talabhom dakinhar, imma skont Edmond Vella, dawn kienu ghadhom fil-process li jsiru, u skont Ciappara, tali *risk assessments* suppost isiru qabel jibda x-xoghol, halli mbaghad il-haddiema ikunu jafu r-riskji tax-xoghol. Ciappara temm ix-xhieda tieghu billi pprezenta diversi dokumenti ohra lill-Qorti.

Kompla jixhed in kontroezami nhar il-25 ta' Mejju, 2021, fejn spejga li hu kien talab li jkun prezenti ghall-mistoqsijiet li kienu ser isiru mill-Espert tal-Qorti, il-Perit Mario

Cassar, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni tal-istess mistoqsijiet, peress li l-*OHSA* u l-Magistrat Inkwerenti jkunu qed jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom b'mod independenti, filwaqt li cahad li hu kien fil-vesti ta' Espert tal-Qorti, u qal li hu, minn naha tieghu, kien informa lill-Ispettur li ma setghax ikun Espert tal-Qorti, u rwol tieghu kien biss li jkun prezenti waqt il-mistoqsijiet, u jekk kellu xi mistoqsijiet ulterjuri, hu kien jaghmilhom lill-Perit Mario Cassar, u l-Perit jaghmilhom lix-xhud. Kompla li bosta affarijiet fir-rapport tieghu, kienu mill-mistoqsijiet li saqsa l-Perit Mario Cassar, però kien hemm affarijiet ohra li ghamel hu apparti, bhal kellem lil Edmond Vella tas-socjetà *Shields Consultants,* u fejn kien ra r-relazzjoni ta' dik il-kumpanija, mal-kumpanija Michele Peresso. Tenna li hu kien konsapevoli tal-konkluzjonijiet tal-inkjesta tal-magistrat, u qal ukoll li xehed f'kawza ohra kontra s-socjetà Michele Peresso, rigwardanti dan l-incident, u kkonferma li Adrian Zammit u l-kumpanija tieghu ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-armar tal-i*scaffolding,* però haddiem minn tieghu kien qed jahdem fuqu. Xehed li kienet konkluzjoni tieghu li *risk assessment* minn naha ta' Adrian Zammit, ma kienx sar, peress li sebat ijiem qabel, kien hemm kaz iehor separat ma' Key Contracts u Adrian Zammit kien qal lil OHSA li *risk assessment* kienu fil-process li jsiru, u *risk assessment* kien dahal wara, biex ikun jista' jitkompla x-xoghol.

**John Schembri**, Direttur ta' Shields Consultants, xehed li l-kumpanija Shield Consultants kienet imqabda mis-socjetà Michele Peresso Limited biex jaghtu servizz, ai termini tal-Avviz Legali 281 tal-2004, ftit qabel l-10 ta' Ottubru, 2016. Qal li bhala kumpanija ghamlu *site visits* meta x-xoghol kien digà beda', u ghamlu total ta' tliet *site visits*. Tenna jghid li fuq dan il-progett partikolari, kien hadem kollega tieghu, ghalhekk ma jafx dettalji ezatt ta' ismijiet ta' kuntratturi. Xehed ukoll li kif sar jaf li sehh inċident, kien ta direzzjonijiet x'ghandu jsir.

Xehed **Paul Chetcuti**, *Health and Safety Professional* ma' Shields Consultants Limited, li spjega li hu kien involut biss billi assista fir-rapport li ghamel kollega tieghu, Edmond Vella, wara li sehh l-incident tas-17 ta' Ottubru, 2016, fil-binja ta' Eurosport.

**PL Quentin Tanti**, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpanija fi hdan *Malta Business Registry*, xehed fis-26 ta' Novembru, 2019, fejn spjega li Key Contractors Ltd C5468 kienet registrata fit-28 ta' Mejju 2012, u l-ahhar *Memorandum of Articles* hu datat 2 ta' Dicembru, 2014, u jirrizulta li Adrian Zammit ID568082M, huwa Direttur, Segretarju, *Legal and Judiciary Representative*, kif ukoll l-unika *shareholder.*

L-**iSpettur Elton Taliana** spjega li fis-17 ta' Ottubru, 2016, is-Surgent Jennifer Caruana kienet infurmatu li sehh incident gewwa l-kumpless Eurosport, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u kien mar fuq il-post, fejn kien ra l-i*scaffolding* u kienu qalulu li minn fuqu kien waqa' Martino Orvieto, haddiem. Spjega li gie nfurmat li Orvieto kien imbaghad ittiehed l-isptar b'ambulanza, fejn gie ccertifikat li kien qieghed fil-periklu tal-mewt. Spettur Elton Taliana tenna jghid li minhabba l-kundizzjoni ta' Martino Orvieto, kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa, Dr Caroline Farrugia Frendo, li kienet hatret bosta esperti, fosthom lil Norbert Ciappara mil-*OHSA*. Xehed li hu stenna l-konkluzzjoni tal-inkjesta biex johrog l-akkuzi ta' Adrian Zammit, liema akkuzi kien harighom b'ghajnuna minghand Norbert Ciappara tal-*OHSA*.

**Martin Sant**, S*ecurity* fil-kumpless Eurosport, xehed li dakinhar tal-incident, ma rax lil Martino Orvieto jaqa', izda rah mal-art. Qal li wara l-incident, kien evakwa l-post min-nies, fuq ordni tal-familja Peresso, u ftit wara giet l-ambulanza, nies mill-Qorti u l-Pulizija, u li dakinhar lilu hadd ma saqsieh xejn.

**Dr Mary Rose Cassar**, Konsulent fid-Dipartiment tal-Emergenza ta' Mater Dei, xehdet li fis-17 ta' Ottubru, 2016, ghall-habta tas-siegha u kwart ta' wara nofsinhar, rat lil Martino Orvieto u li mil-ewwel irrizultalha li kien korrut serjament, billi kellu griehi f'rasu, u kien f'koma totali, tant li kellhom jintubawh u jpogguh fuq *ventilator*. Xehdet li Martino Orvieto kellu wkoll hafna *injuries* fuq in-naha tal-lemin ta' sidru, fejn kellu hafna arja u demm, u kellu wkoll diversi ksur fis-sinsla ta' dahru. Spjegat li wara s-*CT Scans,* hi kienet iccertifikatu *grievious injuries and in danger of loss of life*, u wara kienu haduh l-ITU.

**Ikkunsidrat**:

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar is-17 ta' Ottubru, 2016, gewwa Eurosport fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, fejn Martino Orvieto li kien qed jahdem fuq *scaffolding* fl-ewwel gurnata tax-xoghol tieghu, ghal xi raguni waqa' minn gholi, korra serjament u wara ftit granet, miet.

Qabel ma' din il-Qorti tidhol fil-mertu ta' dan il-kaz, sejra tghaddi biex tezamina l-argument imressaq mid-difiza, fis-sens li l-procès-verbal u l-kontenut tieghu, ma ghandux jitqies bhala prova ammissibbli f'dawn il-proceduri u ma ghandux jitqies li ghandu valur probatorju. Gie sottomess illi l-procès-verbal u l-kontenut kollha tieghu, ma gewx mahlufa u prodotti quddiem din il-Qorti. In fatti, l-ebda wiehed mix-xhieda

li xehdu quddiem l-Esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali relatata ma' dan l-incident, u lanqas l-Esperti nfushom, ma xehdu quddiem il-Qorti biex jikkonfermaw ix-xhieda u r-rapporti taghhom. Lanqas ma ntalab li jsir xi kontroezami tal-istess xhieda u/jew Esperti mahtura fl-Inkjesta.

Din il-Qorti ezaminat dak li jistipola l-Artikolu 550 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li bazikament jaqra s-segwenti:

> *"(1) Il-process verbal maghmul regolarment, jista' jinghata bhala prova fis-smigh tal-kawza u x-xhieda, il-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access jew xehdu matul l-inkjesta Magisterjali ma jistghux jingiebu biex jaghtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni.*
>
> *(2) Madankollu matul iz-zmien ghall-eghluq tal-kumpilazzjoni msemmi fl-artikolu 401(1) sal-mument li l-qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza kif imsemmi fl-artikolu 401(2), l-Avukat Generali jew il-Pulizija tkun tista' ggib, bil-permess specjali tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja, lil kull wahda mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1) biex taghti xiehda fil-kumpilazzjoni quddiem dik l-istess qorti fuq materji specifici debitament imsemmija minn dik il-qorti fil-permess specjali taghha; b'dan li wara l-eghluq tal-kumpilazzjoni skont l-artikolu 402(1) u wara li l-qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza kif imsemmi fl-artikolu 401(2), l-Avukat Generali jkun jista' jgib lil kull min irid minn dawk il-persuni skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 405 sabiex iwiegbu ghal materji specifici indikati mill-Avukat Generali fit-talba bil-miktub tieghu. Il-persuna mixlija tkun tista' wkoll iggib lil kull min trid minndawk il-persuni bil-ghan li jsirilha kontro-ezami.*
>
> *(3) Il-qorti ghandha wkoll is-setgha li tordna, ghall-istess effett, li jingieb kull wiehed mill-periti jew mix-xhieda l-ohra li mill-procès-verbal ikun jidher li gie mismugh fl-access; u, ghaldaqshekk, dan il-perit jew xhud ghandu, fil-kazijiet kollha ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, jigi mdahhal fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Generali, sabiex jigi mismugh, jekk ikun hemm bzonn.*
>
> *(4) Izda, id-dokumenti kollha u oggetti materjali ohra li fuqhom ikun sar procès-verbal, u li jkunu jistghu jintrefghu u jingiebu bla tfixkil, ghandhom dejjem jingiebu fil-kawza, flimkien mal-procès-verbal.*

*(5) Il-process verbal ghandu jitqies li jkun maghmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugha u l-provi migbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konkluzjonijiet tal-magistrat inkwirenti."*

Minn ezami ta' dan l-artikolu, jirrizulta ben evidenti li l-procès-verbal jista' jinghata bhala prova fis-smigh tal-kawza, inkluza din il-kawza. Dan l-artikolu jkompli jaqra li fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Struttorja, ix-xhieda, il-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access u jew xehdu matul l-inkjesta, ma jistghux jingiebu biex jaghtu xhieda matul il-kumpilazzjoni. Madanakollu, tali restrizzjoni hija cara li tapplika biss fil-kaz ta' proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja.

Dan l-artikolu izda ghandu jinqara fil-kuntest tal-Artikolu 646 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

*(1) Bla hsara tad-dispozizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u viva voce.*

*(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkuzat, kemm-il darba tkun ittiehdet bil-gurament matul il-kompilazzjoni, skont il-ligi, tista' tingieb bhala prova:*

*Basta li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) hlief jekk, meta jitqiesu c-cirkostanzi tal-kaz, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawza hsara psikologika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (8):*

*Izda wkoll meta x-xhud ikun minuri taht is-sittax-il sena u tingieb bi prova registrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma ghandux jingieb biex jigi ezaminat viva voce.*

.....

*(4) Il-processi verbali jistghu jingiebu bhala prova bhal ma jinghad fl-artikolu 550.*

Il-Qorti qieset ukoll dak li ressqet id-difiza, fejn ippruvat tikkompara din is-sitwazzjoni mas-sitwazzjoni renjanti fl-isfond tal-Artikolu 30A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti Kriminali

nhar il-25 ta' Ottubru, 2022, fl-ismijiet, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Polidano,** fejn giet ezaminata fil-fond kwistjoni simili. Filfatt inghad is-segwenti:

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Catania, fejn saret referenza wkoll ghal sentenza Il-Pulizija vs Pierre Gravina, il-Qorti qalet hekk:*

*'46. Bhala regola min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-Qorti u dan ghall-fini ta' kontroll da parte tal-akkuzat jew imputat. Hekk biss tkun tista' tigi meqjusa ammissibbli x-xhieda taghha li tkun inghatat quddiem il-Magistrat Inkwirenti meta tkun hekk ikkonfermat il-kontenut tal-istqarrija/stqarrijiet li tkun irrilaxxjat mal-Pulizija. F'dan ir-rigward din il-Qort taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2003 Il-Pulizija vs. Pierre Gravina fejn intqal is-segwenti:*

*L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro ezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontroezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings. (enfasi ta' din il-Qorti)*

*Madankollu, fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubbblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco gie ritenut hekk:*

*"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliciment ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce … hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Publius Micallef et il-Qorti tenniet illi l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' zewg stqarrijiet guramentati, ta' zewg individwi differenti u dan ghaliex l-prosekuzzjoni qatt ma gabet lil dawn l-individwi sabiex jixhdu. Dan x'aktarx ghaliex filwaqt li wiehed minn dawn l-individwi kien ghad kellu proceduri ghaddejin fil-konfront tieghu, l-iehor lahaq miet fil-mori tal-proceduri. Ghalhekk, id-difiza spiccat ma setax ikollha kontroll fuq dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies fix-xhieda guramentata taghhom quddiem l-Inkwirenti. Dan kien ifisser ghall-Ewwel Qorti illi kellha tiskarta dak mistqarr minn dawn it-tnejn minn nies billi kien ikun perikoluz ferm li tistrieh fuq ix-xhieda ta' komplici fejn id-difiza qatt ma inghatat l-opportunita tikkontrolla dak mistqarr minnhom.*

*Il-Qorti Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat gew stipulati erba' (4) kriterji importanti w ghamlet referenza wkoll ghas-sentenzi tal-QEDB fl-ismijiet Luca v. Italy u Saidi v. France fejn gie ritenut is-segwenti:*

*'Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

*"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."*

*Dan ifisser allura illi hemm **erba kriterji** li iridu jigu ikkunsidrati:*

1. *Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita li jikkontrolla dak li ighid ix-xhud.*

2. *il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita ta' l-istqarrija minnhom rilaxxjata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.*

3. *L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li ikun irrilaxxjaha.*

4. *Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u decisiva fil-konfront tal-persuna akkuzata.*

*Illi fil-kawza **Saidi v France** (1993 - 17 EHRR 251) inghad :- "The court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. **However, the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected.." (enfasi ta' din il-Qorti)***

*Ghalhekk, minn dak ritenut supra, din il-Qorti tenfasizza illi hija ma tkunx tista' tiddikjara stqarrijiet inammissibli sempliciment ghaliex l-istess persuni li rrilaxxaw l-istqarrijiet ma jkunux xehedu viva voce. Madankollu, irid jigi zgurat illi d-dritt tas-smiegh xieraq ma jigix mittifes bl-ebda mod u ghalhekk il-kriterji ndikati fs-sentenza ta' Muscat, ghandhom jigu wzati sabiex dan jigi accertat.*

*F'dan il-punt il-Qorti sejra tghaddi sabiex tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon fejn il-Qorti ccitat certi principji legali li johrogu mill-gurisprudenza sucitata:*

i) *Bhala regola fi proceduri kriminali mibdija taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkuzat, ko-awtur jew komplici jaghmel konfessjoni bil-gurament quddiem Magistrat Inkwirenti;*

ii) *Din id-dikjarazzjoni guramentata tista' sservi ta' prova fi proceduri kriminali in kwantu tali xhieda hija ammissibbli u valida dment li tkun maghmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;*

iii) *L-istess dikjarazzjoni guramentata tista' anke tkun ta' pregudizzju ghal ko-akkuzat, ko-awtur jew komplici iehor peress li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta huwa eccezzjoni biss ghar-regola msemmija fl-artikolu 661 talKodici Kriminali;*

iv) *Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir id-dikjarant ikun ghadu meqjus bhala ko-akkuzat, ko-awtur jew komplici fil-proceduri kriminali kontra tieghu li jkunu ghadhom subjudice;*

v) *Id-dikjarant irid pero imbaghad jixhed fil-proceduri kriminali li jkunu inbdew kontra l-persuna jew persuni involuti f'xi reat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

vi) *Dan id-dikjarant jista' jaghzel li ma jixhedx matul il-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja dment li l-proceduri li jkunu ttiehdu fil-konfront tieghu jkunu ghadhom pendenti kontra tieghu u dan sabiex ma jinkriminax ruhu;*

vii) *Izda meta l-proceduri kontra tieghu jkunu gew konkluzi b'mod finali u konklussiv, bhala regola, id-dikjarant ikun irid jingieb biex jixhed fil-*

*proceduri kontra l-ko-akkuzat, ko-awtur jew komplici billi jinstemgha viva voce fil-proceduri kriminali;*

viii) *Dawn il-proceduri kriminali jistghu jkunu dawk istruttorji jew dawk ta' gurisdizzjoni. Fejn ma jkunx possibbli ghad-dikjarant li jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex ma jinkriminax ruhu, huwa jkun irid pero jingieb jixhed quddiem il-Qorti li jkollha gurisdizzjoni tiddeciedi l-kaz;*

ix) *Izda fejn ghal xi raguni, fl-istadju tal-proceduri quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni ma jkunx possibbli li d-dikjarant jingieb iex jixhed viva voce minhabba li jkun evidenti lil Qorti li dik ix-xhieda viva voce tista' tikkawza hsara psikologika lix-xhud jew jekk ix-xhud ikun mejjet, jew ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab, ix-xiehda kemm favur kif ukoll kontra l-akkuzat mehuda fl-istadju istruttorju tista' tingieb bi prova u dan peress li anke f'dan il-kuntest gie deciz li japplikaw dawk ic-cirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali;*

x) *Fil-frattemp pero, sakemm ikun ghadu ma xehedx fil-proceduri penali kontra t-terzi – kemm fl-istadju istruttorju daqskemm f'dawk ta' gurisdizzjoni - ma jfissirx li d-dikjarazzjoni bil-gurament tieghu moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tkun inammissibbli bhala prova jew li fuqha ma tistax tistrieh tezi akkuzatorja;*

xi) *fejn l-unika xiehda hija tal-komplici, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali fis-sens li l-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jizhnu b'kawtela x-xiehda li dak ix-xhud jaghti qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat;*

xii) *jekk ma jkunux gew terminati definittivament il-proceduri kontra d-dikjarant, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636 talKodici Kriminali.'*

*Din il-Qorti tenfasizza illi hija Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali u ghalhekk m'ghandiex setgha tiddeciedi dwar possibilment ksur jew ksur tad-drittijiet fundamenali tal-akkuzat u dan stante li hi m'ghandiex kompitu taghmel dan. Huma ghalhekk il-Qrati Kostituzzjonali li jiddeciedu fuq dawn il-vertenzi. Fis-sentenza ricenti fl-ismijiet Osama Ebeid vs L-Avukat tal-Istat ir-rikkorent talab lill-Prim Awla tiddikjara dik il-parti tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 646 fl-ewwel proviso li taqra kif isegwi: 'hlief jekk, meta jitqiesu c-cirkostanzi tal-kaz, huwa*

*evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawza hsara psikologika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab' bhala li tivjola l-Artikolu 39 (6) (d) tal-Kostituzzjoni. L-Ewwel Qorti laqghet din it-talba hekk kif dedotta mir-rikorrent izda l-Avukat tal-Istat appella u permezz ta'sentenza datata t-22 ta' Gunju, 2022, il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet is-segwenti:*

*'Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

*16. Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma taqbilx mal-Avukat tal-Istat li s-sub-artikoli tal-Artikolu 646 li semmai l-attur kellu jimpunja huma dawk numri (10) u (11) ghaliex skont l-Avukat tal-Istat huma dawn l-artikoli li jaghmluha possibbli li ma jigix kontroezaminat xhud mid-difiza. Ghalkemm huwa minnu li huwa s-sub Artikolu (10) li jaghti l-possibbilita` lill-partijiet li jitolbu decizjoni mill-Qorti dwar l-ammissibbilta` ta' xhieda, huwa lproviso ghas-sub-inciz (2) li johloq il-possibbilita` li xhud ma jingiebx il-Qorti biex jigi ezaminat viva voce fil-kaz li dan ikun jista' jikkawza hsara psikologija lix-xhud, jew fil-kaz li x-xhud ikun mejjet, jew li jkun barra minn Malta jew li ma jkunx instab. Kien ikun ahjar li kieku lattur impunja wkoll is-sub-inciz (10) ikkonsidrat li huwa marbut sfiq mal-proviso ghas-sub-inciz (2), izda dan in-nuqqas ma jwassalx sabiex l-ilment tal-attur ikun insostenibbli.*

*17. Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni ma jiggarantix dritt ghall-kontro-ezami, izda b'mod specifiku jiggarantixxi li l-akkuzat jinghata:*

*"facilitajiet biex jezamina personalment jew permezz tarrapprezentant legali tieghu x-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suggett ghall-hlas tal-ispejjez ragonevoli taghhom, u jaghmel l-ezami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu ghalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bhal dawk li jghoddu ghal xhieda msejha mill-prosekuzzjoni".*

*18. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li d-dritt li qieghed jiggarantixxi dan is-subartikolu mhuwiex wiehed ta' rizultat, u cioe` li l-akkuzat jaghmel kontro-ezami ta' bilfors, izda wiehed ta' mezzi, u cioe` li l-akkuzat jinghata mezzi sabiex ikun jista' jezamina xhieda, bl-istess kondizzjonijiet applikabbli ghax-xhieda tal-prosekuzzjoni. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti li l-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni jipprovdi lill-akkuzat dritt li jaghmel kontroezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni minghajr l-ebda eccezzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li l-proviso tal-Artikolu 646(2) jipprovdi ghall-possibbilita` li l-Qorti tippermetti li ma jigix prodott xhud biex jixhed viva voce f'certu cirkostanzi eccezzjonali mhuwiex awtomatikament inkompatibbli mal-Artikolu 39(6)(d) tal-*

*Kostituzzjoni, in kwantu ma jirrizultax li dan il-proviso jeskludi kompletament li l-akkuzat ikollu facilitajiet a dispozizzjoni tieghu sabiex jaghmel kontro-ezami ta' xhieda tal-prosekuzzjoni. Dan partikolarment ikkonsidrat li, kif sewwa jghid l-Avukat tal-Istat, l-eccezzjoni mahluqa minn dan il-proviso hija ghar-regola li xhud ghandu jixhed viva voce quddiem il-Qorti, li ma jfissirx ukoll li l-istess xhud ma jistax jigi kontroezaminat. Apparti l-fatt li dan ix-xhud ikun seta' gie kontroezaminat waqt il-kompilazzjoni, il-ligi tippermetti l-uzu ta' telekonferenza u vidjokonferenza ghad-depozizzjoni ta' xhud fejn id-difiza tkun tista' taghmel kontro-ezami tax-xhud minkejja li ma jkunx qieghed jixhed viva voce fil-Qorti.*

*19. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fuq il-materja hija relevanti u applikabbli, a kuntrarju ta' dak argumentat mill-attur.*

*F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza partikolari ghas-segwenti bran mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021:*

*"13. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Q.E.D.B. ta` Strasbourg fis-sentenza li tat fl-20 ta` Novembru 1989 fil-kaz ta` Kostovski v. Netherlands meta qalet hekk:*

*"In principle, all the evidence must be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. This does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"*

*14. Inghad ukoll mill-istess Qorti f'decizjoni ohra konsimili :*

*"In itself, the reading out of statements in this way cannot be regarded as being inconsistent with Article 6 §§ 1 and 3 (d) (art. 6-1, art. 6-3-d) of the Convention, but the use made of them as evidence must nevertheless comply with the rights of the defence, which it is the object and purpose of Article 6 (art. 6) to protect. This is especially so where the person "charged with a criminal offence", who has the right under Article 6 § 3 (d) (art. 6-3-d) to "examine or have examined" witnesses against him, has not had an opportunity at any stage in the earlier proceedings to question the persons whose statements are read out at the hearing."*

*F'wahda mis-sentenzi taghha u cioe' Al-Khawaja and Tahery v. The United Kingdom, 28 l-QEDB iddeskriviet zewg regoli preliminari dwar xhieda assenti. Primarjament, gie ritenut illi jkun hemm ksur tal-Artikolu 6(3)(d) talKonvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kull meta "no good reason has been shown for the failure to have witnesses examined." Sekondarjament, ilQorti qalet illi persuna m'ghandiex tinsab hatja abbazi evidenza ta'xhieda li lakkuzat jew l-imputat ma kellux cans jezercita l-kontroll tieghu fuqha ghaliex dan ikun ingust. Gie ritenut hekk f'paragrafu 119 tas-sentenza:*

*'a conviction is based solely or to a decisive degree on depositions that have been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence may be restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6.'*

*In fatti, l-Qorti ddecidiet illi fil-konfront ta' Al-Khawaja, l-Artikolu 6(3)(d) ma kienx gie vjolat u dan ghaliex anke jekk ix-xhud kien miet qabel lahaq xehed, levidenza kienet ippreservata sew u kien hemm evidenza ohra li jikkollaborawa.*
*…*

*Din il-Qorti tosserva illi Rachel Fred kienet irilaxxat stqarrijiet bil-gurament taghha fl-inkjesta. Sussegwentament, meta migjuba quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex tixhed bhala xhud tal-prosekuzzjoni hija ghazlet li tezercita d-dritt taghha ghas-silenzju. Ghalhekk l-akkuzat permezz tad-difensuri tieghu ma kellux opportunita', fl-ebda stadju tal-proceduri, sabiex jikontrolla dak li qalet l-istess Fred. Din il-Qorti konoxxenti mill-fatt illi x-xhud Rachel Fred x'aktarx abskondiet minn Malta tant illi l-Avukat Generali permezz tal-verbal data it-13 t' Ottubru, 2022 iddikjara fuq domanda tal-Qorti li sa dik il-gurnata huwa ma kellu l-ebda informazzjoni dwar il-whereabouts ta' Rachel Fred. In vista dak kollu ritenut supra, inkluz il-kriterji stabbiliti fil-kaz ta' Charles Paul Muscat sucitat, is-sentenzi domestici kif ukoll tal-QEDB, ikun ingust kiku l-Qorti thalli fl-atti taghha u taghati permess li tinqara waqt il-guri stqarrija guramentata mehuda fl-inkjesta meta l-akkuzat fl-ebda hin ma seta' jezercita' kontroll permezz ta' ezami jew kontro-ezami fuq l-istess. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi l-istqarrijiet guramentati w kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula minn Rachel Fred ghandhom jigu meqjusa bhala l-evidenza ewlenija fil-proceduri odjerni.*

*Din il-Qorti filwaqt li ghal darba ohra qedgha tenfasizza illi m'ghandiex kompitu tiddecidi dwar vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tghid li hi ghandha kompitu li tiddecidi fuq l-ammisibilta' o meno tal-istqarrijiet u kwaunkwe*

*dikjarazzjoni maghmula minn Rachel Fred u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-overall fairness tal-proceduri. Tajjeb li jinghad illi l-guri kontra l-akkuzat ghadu ma giex appuntat u x-xhud tista' terga' titfacca nel frattemp. Ghaldaqstant ikun prematur jekk din il-Qorti tiddeciedi minn issa dwar l-ammissibilta' o meno w l-konsegwenti sfilz tal-istess stqarrijiet u dikjarazzjonijiet tax-xhud Rachel Fred u kwalunkwe referenza ghalihom. Madankollu, din il-Qorti ssostni li jekk ix-xhud Rachel Fred tibqa' ma tigix rintraccata sa lejliet il-guri, l-istess Qorti tiddikjara inammissibbli l-istqarrijiet guramentati, flimkien ma' kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula mix-xhud Fred kif ukoll kwalunkwe referenza ghalihom fi kwalunkwe stadju tal-proceduri u konsegwentament tordna l-isfilz taghhhom f'dak l-istadju*

*In vista tas-suespost, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel talba tal-akkuzat fejn talab lil din il-Qorti tordna l-isfilz ta' l-istqarrija guramentata u kwalunkwe dikjarazzjoni ohra moghtija minn Rachel Fred f'dawn il-proceduri sa mill-bidu taghhom inkluz fl-istadju t'investigazzjoni, kif ukoll kwalunkwe referenzi maghmula ghalihom. Din il-Qorti qeghda izda tilqa' t-tieni talba tal-akkuzat li permezz taghha huwa talab illi f'kaz li x-xhud Fred tibqa' mahruba mill-pajjiz sal-gurnata ta' qabel il-guri, l-istqarrija taghha flimkien ma kwalunkwe dikjarazzjoni minnha maghmula f'dawn il-proceduri mill-bidu nett, inkluz fi stadju t'investigazzjoni u anke kwalunkwe referenza ghalihom ghandhom jigu ddikjarati inammissibli u konsegwentament sfilzati mill-atti processwali.*

Madanakollu, din il-Qorti tqis li c-cirkostanzi ghal dak li ghandu x'jaqsam l-Artikolu 30A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, mhumiex identici ghal dawk li ghandha quddiemha din il-Qorti.  Fil-feham umli ta' din il-Qorti, dak imnizzel fl-Artikolu 550(1) u 646(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa eccezzjoni ghar-regola stabbilita fl-Artikolu 646(1) tal-Kap 9.  Il-processi verbali jistghu jingiebu bhala prova ai termini tal-Artikolu 550 tal-Kap 9.  Huwa minnu li f'dawn il-proceduri odjerni, ma kien hemm xejn x'jostakola lill-Prosekuzzjoni sabiex tressaq lill-Esperti u l-persuni li xehdu f'dik l-inkjesta, milli jixhdu quddiem din il-Qorti.  Dana peress li kif già inghad, din il-Qorti qatt ma agixxiet fil-vesti ta' Qorti Struttorja, izda dejjem bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.  Madanakollu, fil-fehma umli ta' din il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 646(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-procès-verbal u l-kontenut tieghu ghandu jitqies bhala prova ammissibbli, b'valur probatorju.

Ma kien hemm xejn x'jostakola lid-difiza biex titlob li jitressqu in kontroezami x-xhieda li xehdu f'din l-inkjesta magisterjali, jew sabiex jitressqu in kontroezami l-

Esperti mahtura fl-inkjesta u li gew debitament ikkonfermati minn din il-Qorti, fl-atti ta' din il-kumpilazzjoni. Id-difiza, fl-ebda hin ma qajjmet xi argumentazzjoni jew xi lment, dwar il-procès-verbal u l-valur probatorju tieghu. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tiskarta l-argument imressaq mid-difiza dwar l-inamissibilità tal-procès-verbal u sejra tqis il-procès-verbal bhala prova ammissibbli f'din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra issa tqis it-tieni argument imressaq mid-difiza fit-trattazzjoni finali taghha, u cioè li diversi nies li xehdu fl-Inkjesta Magisterjali miftuha in konnessjoni ma' dan l-incident, huma ko-imputati, tant li fil-konkluzzjonijiet raggunti mill-Magistrat Inkwirenti, gie konkluz li *prima facie*, ghandhom jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghhom. Irrizulta wkoll mix-xhieda moghtija minn Norbert Ciappara, illi hafna mill-persuni li gew mitkellma waqt l-inkjesta u li ma ngabux biex jixhdu f'dawn il-proceduri, ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghhom fir-rigward ta' dan l-istess incident.

Din il-Qorti hija konsapevoli tal-gurisprudenza nostrana dwar dak li ghandu jkun ammissibbli jew le, fir-rigward ta' persuni li huma wkoll akkuzati in konnessjoni ma' l-istess incident, u liema kaz ikun ghadu mhux deciz. Ghandha ssir ghalhekk, referenza ghal dak li ntqal minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna, Spettur Priscilla Caruana Lee) vs Omissis, Anthony Galea**, fil-25 ta' Marzu, 2019:

> *"Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bhala prova f'din il-kawza. L-artikolu 658 huwa pjuttost car fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkuzat hija ammissibbli bhala prova favur jew kontra ko-akkuzat iehor, u f'liema kontest ko-akkuzat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor.*
>
> *Dak enuncjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodici Kriminali, u anke minn gurisprudenza tal-Qrati taghna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkuzat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkuzat jew l-akkuzati l-ohra, u b'hekk mhux ammissibbli bhala tali.*
>
> *Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat, biss wara illi l-kaz fil-konfront tieghu ikun gie definittavament deciz. Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-ko-akkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz.*

*Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*

*Il-Qrati taghna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruhhom fuq dan il-principju f'diversi kazijiet fosthom Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; Il-Pulizija vs Toni Pisani Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; Il-Maesta tieghu r-Re vs Karmenu Vella, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; The Police vs Alfred W. Luck et, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; IlPulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.*

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala koawtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

*Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:*

*"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi procedure separat.*

*Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet:*

*R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531l; P. v. Toni Pisani App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792; R. v. Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547; P. v. Alfred W. Luck et., App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870, u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrate bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-istess ismijiet tal-31/7/1998.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et."stqarret li:*

*"Kwantu ghal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq il-buon sens, hi cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem ilkompjant Imhallef William Harding:*
*"Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the codefendant is required by the prosecution or by another defendant.""*

*Il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella. Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-guri ta' Brian Vella jigi xolt, u dan a bazi tal-fatt illi x-xhud Domenic*

*Bonnici, illi kien akkuzat bl-istess reati bhall-akkuzat, kien ghadu ma ghaddiex proceduri, u ghalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkuzat ai termini tal-Kodici Kriminali:*

*"persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik ilpersuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius tal-Imhallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:*

*"Hu principju elementari tad-dritt ta' procedura penali taghna li dak li jistqarr ko-akkuzat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jaghmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkuzat iehor. Dan ilprincipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodici. Infatti lgurisprudenza taghna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkuzat kemm-il darba l-kaz tieghu ma jkunx gie definittivament konkluz".*

*Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imnizzel li "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."*

Fl-istess, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl-ismijiet**, Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) (Spettur Andy Rotin) vs Joseph Galea Emmanuel Degabriele,** deciza fit-23 ta' Ottubru, 2023, spjegat:

*"Hawnhekk irid jinghad illi dak kollu li gie mistqarr mill-imputat Emmanuel Degabriele, inkluz ghalhekk l-istqarrija li l-ghodda kollha li nstabu mill-Pulizija filpussess tieghu kien xtrahom minghand il-ko-imputat Joseph Galea, jghodd bhala prova fil-konfront tieghu biss. Huwa principju fondamentali tal-procedura kriminali illi dak li jghid l-akkuzat fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor, ma jistax jitqies bi pregudizzju jew favur il-persuna l-ohra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat. Fi kliem iehor, dak li tghid persuna akkuzata jghodd biss fil-konfront taghha. Dan il-principju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 660 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra.*

*Għalhekk, dak li jgħid ko-akkużat ma jista' la jibbenefika u lanqas jippreġudika koakkużat ieħor in tema ingħad:-*

*"… hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkużati blistess reat, mhux biss l-istqarrijiet tagħhom rispettivi ma setgħux jagħmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setgħu jitqiesu bħala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-oħra. Għalhekk hawn non si tratta tal-ħtiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induċiet lil Qorti biex tgħid żbaljatament id-difiża tal-appellanti fit-trattazzjoni tagħha – żball tad-difiża wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti, għax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat ieħor".*

*Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija v. Omissis u Jeremy Farrugia, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-*

*"... r-regola ... li l-ko-akkużat ma huwiex xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkużat l-ieħor jew il-ko-akkużati l-oħra. Din l-aħħar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, u ġiet kostantement applikata mill-qrati tagħna, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat ieħor biss wara li l-każ fil-konfront tiegħu jkun ġie definittivament deċiż ..."*

Fl-isfond ta' dawn l-insenjamenti, ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha li huma ko-imputati (anke nonostante li l-proċeduri kriminali ma ttieħdux f'kawża waħda, iżda ġew spezzetati fi proċeduri distinti) ma tista' qatt titqies li tagħmel prova ammissibbli kontra l-istess imputat. Għaldaqstant, tali xhieda ma hijiex ser tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti, li għandha valur probatorju fil-konfront tal-imputat, Adrian Zammit. Tqis li skont il-konklużżjoni raġġunta mill-Maġistrat Inkwirenti, *prima facie* id-Diretturi tas-soċjetà Michele Peresso Limited, id-Diretturi tas-soċjetà Vassallo Builders Limited, id-Diretturi tas-soċjetà Key Contractors Limited, u l-Perit Reuben Vassallo huma responsabbli għall-inċident li seħħ. Qieset ukoll li mir-rapport dwar l-investigazzjonijiet tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, ippreżentat u ffirmat minn Norbert Ciappara (eżebit fl-atti tal-inkjesta), mill-investigazzjonijiet u fatti stabbiliti skont l-istess Ciappara, irriżulta ksur tal-Att sebgħa u għoxrin (27) tas-sena elfejn (2000), Avviż Legali mitejn wieħed u tmenin (281) tas-sena elfejn u erbgħa (2004), Avviż Legali mitejn tlieta u disgħin (293) tas-sena elfejn u sittax (2016) u Avviż Legali disgħa u sittin (69) tas-sena elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) Artikolu 6 u 11 subartikolu 1 mis-soċjetajiet Michele Peresso Ltd C 6469, Key Contractors Ltd C 56468 u Vassallo Builders Ltd C 20882; fejn, Michele Peresso Ltd

naqsu milli jahtru *Project Supervisor* skont l-Avviz Legali 281 tas-sena 2004, ghal-istadju tad-disinn u ezekuzzjoni. Già la darba il-*Project Manager* Michael Azzopardi, Direttur ta' Switch Ltd, ordna l-installazjoni ta' *scaffolding* minghand Scaffolding Solutions sabiex il-haddiema ta' Key Contractors Ltd ikunu jistghu jaghmlu x-xogholijiiet, hemmhekk Michele Peresso Ltd dahlu f'relazzjoni ta' impjegat u haddiem mal-impjegati ta' Key Contractors Ltd, u ghaldaqstant, is-socjetà Michele Peresso Ltd ghandha twiegeb ghall-ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-Att 27 tas-sena 2000 u tal-Artikolu 5 tal-Avviz Legali 293 tas-sena 2016. Kompla li s-socjetà Key Contractors Ltd ghandha twiegeb ghall-ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-Att 27 tas-sena 2000 u tal-Artikolu 5 tal-Avviz Legali 293 tas-sena 2016, peress li ma hadux kawteli necessarji biex wiehed jara li l-apparat u l-ghodda tal-haddiema, humiex ta' periklu. Ikkonkluda wkoll li s-socjetà Vassallo Builders Ltd ghandha twiegeb ghall-ksur tal-Avviz Legali 281 Skeda IV Taqsima B Sezzjoni II Artikolu 6.2 u 6.3 seq, u l-Avviz Legali 293 tas-sena 2016 Skeda 1 Artikolu 5.16 u 5.18 subinciz (c), u Avviz Legali 69 tas-sena 1968 Artikolu 6 u 11 subartikolu 1, talli *scaffolding* provdut ma kinx konformi ma' *standards* li titlob il-ligi. Qal li rrizultalu wkoll li jista' jkun hemm responsabilità kriminali fil-konfront tal-Perit Reuben Vassallo, stante li ccertifika l-istruttura minghajr ma ghamel xi tip ta' spezzjoni, filwaqt li ghadda sabiex spjega li l-accident seta' jigi evitat kieku kien hemm aktar diligenza u attenzjoni xierqa, biex is-Sahha u Sigurtà fuq il-post tax-xoghol tkun integrata fil-process tax-xoghol.

Ghalhekk, ix-xhieda ta' dawn il-persuni u fejn saret referenza ghaliha, mhijiex ser tigi kkunsidrata minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa l-ammissibilità ommeno tal-istqarrija, rilaxxata mill-imputat, lil Perit Mario Cassar, li kien wiehed mill-Esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali. Dan huwa punt iehor li qajjmet l-abbli difiza.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) vs Tarquin Vella**, deciza fl-14 ta' Frar, 2022, fejn intqal:

> *"Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fit-12 ta' Settembru 2009, wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi, izda minghajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u minghajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel*

*jedd dahal fis-sehh fil-ligi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35 tas-sena 2010, fil-waqt illi t-tieni jedd dahal fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviz Legali 401 tas-sena 2016. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess imputat f'dawn il-proceduri, illi huwa kien ikkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament, ghalkemm ix-xhieda tal-imputat fejn huwa kkonferma din l-istqarrija baqghet ma gietx esebita f'dawn il-proceduri mill-Prosekuzzjoni.*

*F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz Mario Borg v. Malta, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia Carmel Saliba vs Avukat Generali tas-16 ta' Mejju 2016, Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali tat-30 ta' Mejju 2016, Malcolm Said vs Avukat Generali et tal-24 ta' Gunju 2016 u Aaron Cassar vs Avukat Generali et tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement."*

*Il-Qorti taghmel referenza in oltre ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi, wara referenza kostituzzjonali ta' din il-Qorti kif preseduta. F'dak il-kaz, l-imputata Josianne Azzopardi rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-13 ta' Frar 2004, liema stqarrija hija kkonfermatha bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa dakinhar stess. Qabel l-interrogatorju taghha, hija nghatat is-solita twissija skont il-ligi, izda ma nghatatx id-dritt li tottjeni parir legali, u wisq inqas il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fl-istess stqarrija, l-imputata ghamlet diversi dikjarazzjonijiet inkriminanti. Wara li ghamlet rassenja tal-gurisprudenza lokali u anke tal-Qorti Ewropea dwar dan il-punt, il-Qorti Kostituzzjonali ddisponiet mir-referenza bil-mod segwenti:*

*"Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-decizjonijiet citati. L-Avukat Generali ma gab l-ebda gustifikazzjoni ghaliex kien hemm restrizzjoni ghall-access tar-rikorrenti ghall-avukat hlief li l-ligi kif kienet ma kinitx tipprovdi ghal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-principji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq ma giex lez f'dan listadju, certament illi ssehh lezjoni f'kaz illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li ghamlet aktar tard dak inhar quddiem il-*

*Magistrat Inkwirenti jibqghu jaghmlu parti mill-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta sehh dan lepisodju u kienet l-ewwel darba li giet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija taghha kif kienet minghaliha li ser taghmel, izda effettivament irrilaxxat stqarrija ohra pjuttost dettaljata u dan kollu minghajr ma kienet inghatat xi forma ta' assistenza legali, bir-rizultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet agitata waqt li kienet qieghda tirrilaxxa l-istqarrija taghha.*

*...*

*Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-fatti lamentati minn Josianne Azzopardi fit-talba ghal referenza kostituzzjonali fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, senjatament illi gie mittiefes id-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fl-24 ta' Frar 2016 taghmel l-ordni ta' referenza, qieghda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Josianne Azzopardi ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, madanakollu, issib illi jkun hemm ksur jekk isir uzu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 u l-istqarrija li tat quddiem il-Magistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proceduri kriminali de quo. Ghalhekk qieghda tibghat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeciedi skont kif intqal f'din ir-referenza." [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet Christopher Bartolo vs Avukat Generali et, f'liema kaz fl-istqarrijiet tieghu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien inghata parir minghand l-avukat tieghu li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-Pulizija, huwa xorta wahda rrisponda ghad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-rizultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti ghalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm ghall-uzu personali tieghu, kif ukoll sabiex ibiegh minnha lil terzi. Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti minghajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu:*

*"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mirrikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri*

*kriminali, mhux in kwantu ghallammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process talproceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih.*

*Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]*

*Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-kaz, kien inghata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tieghu u anke ezercita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tieghu ma jithallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u dan stante illi ma nghatax il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Claire Farrugia, f'liema kaz dik il-Qorti skartat bhala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, wahda minnhom guramentata, u dan ghaliex ghalkemm hija nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet taghha, madankollu hija ma nghatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx ghadu vigenti fiz-zmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddecidiet l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emad Masoud tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Sandro Spiteri tat-18 ta' Gunju 2019, f'liema kaz, bhal fil-kaz odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm minghajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, kif ukoll minghajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella tal-14 ta' Dicembru 2018, f'liema kaz l-appellat kien inghata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tieghu u anke ezercitah, izda ma nghatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-kaz, fiz-zmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx vigenti fil-ligi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet il-konkluzjonijiet taghha fis-sentenza precedenti fl-ismijiet Christopher Bartolo vs Avukat Generali et:*

*"14. Ghalkemm, bhall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan listadju ghadu ma sehh l-ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, madankollu, kif osservat fil-kaz ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx ghaqli li l-process kriminali jithalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat Pistella ladarba din, ghallinqas f'parti minnha, ittiehdet minghajr ma Pistella kellu l-ghajnuna ta' avukat. Ghalhekk, ghalkemm ghadu ma sehh ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, fic-cirkostanzi huwa ghaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta lprocess kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarità – dik li jkun sar uzu minn stqarrija li ttiehdet minghajr ma l-interrogat kellu l-ghajnuna ta' avukat – li tista' twassal ghal konsegwenzi bhal thassir tal-process kollu."*

*Fil-kaz ta' Philippe Beuze vs Belgium deciz mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti regghet adottat il-kriterju tal-overall fairness of the proceedings sabiex tistharreg jekk sehhitx o meno lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Ghalkemm sabet li f'dan il-kaz sehhet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-decizjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu ghaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-ligi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' access ghall-avukat, u ddecidiet illi l-Qorti ghandha dejjem tistharreg ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux ezawrjenti, elenkati fid-decizjoni taghha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-decizjoni taghha:*

*"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment 150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*
*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."*

*F'dak il-kaz, meta l-Qorti Ewropea giet biex tezamina dawn il-kriterji fil-kuntest tac-cirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi sahqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi mehudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat inter alia illi fl-istess kaz, r-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-access ghall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkuzat gie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija minghajr ma qabel inghata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat prezenti u fil-kors tal-investigazzjoni gudizzjarja li sehhet wara, ma nghatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma nghata dan id-dritt f'atti investigattivi ohrajn sussegwenti. F'dawk ic-cirkostanzi, minghajr ma nghata informazzjoni cara dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verzjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-rizultat illi ghamel stqarrijiet, li ghalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tieghu, specjalment fir-rigward ta' akkuza partikolari. Dawn l-stqarrijiet gew ilkoll ikkunsidrati bhala ammissibbli fil-proceduri kontra tieghu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-*

*proceduri u fir-rigward ta' akkuza minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bazi taghhom huwa nstab hati.*

*Fil-kaz deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma nghatax id-dritt tal-access ghall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-Pulizija, kif ukoll waqt interrogatorju tieghu, u ghaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi gew lezi d-drittjiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluz li tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li permezz taghha kien instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghal terminu effettiv ta' prigunerija.*

*F'dan il-kaz, wara li rreferiet ghall-kaz ta' Ibrahim and Others v. United Kingdom deciz mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt wahdu li persuna ma tkunx thalliet tinghata l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghal dan in-nuqqas, ma huwiex bizzejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda wiehed irid iqis il-process fit-totalità tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza wkoll ghad-decizjoni f'Beuze v. Belgium u ghall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq citati minn din il-Qorti) li a bazi taghhom wiehed ghandu jezamina l-proceduri fl-intier taghhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet procedurali fl-istadju ta' qabel il-proceduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:*

*"20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn ighid illi "l-fatt wahdu illi persuna li tkun instabet hatja ma tkunx thalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha fil-mument talinvestigazzjoni u l-ghotja ta' stqarrija lill-pulizija, minhabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq ta' dik l-istess persuna taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa hazin u huwa michud.*
*21. Fil-kaz tallum kien hemm raguni tajba ghala l-attur ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raguni hi li kien hemm il-hsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien mehtieg li l-attur ma jithalla jikkomunika ma' hadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*
*...*
*23. L-attur inghata t-twissija li trid il-ligi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fic-cirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodici*

*Kriminali. ... Hlief ghall-fatt li ma kellux avukat dak il-hin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veracità tal-istqarrija.*

*24. Ghandu jinghad ukoll illi l-attur ma nzammx aktar milli kien mehtieg biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien mehlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, l-istqarrija maghmula lill-pulizija ma kinitx ir-raguni li wasslet ghall-kundanna tal-attur: l-attur instab hati mill-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ghax ammetta l-htija ghal dawk l-akkuzi li ma gewx ritirati. Dan ghamlu fil-prezenza tal-avukat wara li ikkonsulta mieghu u quddiem magistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jehodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur ighid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien gà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'certi cirkostanzi jkun fattur relevanti, izda fil-kaz tal-lum l-attur seta' jichad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta ghamilha u ghalhekk l-istqarrija ma ghamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taht l-art. 658 tal-Kodici Kriminali – seta' sahansitra jirtira l-ammissjoni li ghamel quddiem il-qorti – ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn gudikant togat, kienet taf bizzejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet inghatat qabel, li ma kellhiex toqghod fuq l-istqarrija wehedha, aktar u aktar jekk tkun giet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda ohra li ma thallix dubju dwar il-htija. Bilkemm ghalfejn nghidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tieghu u fid-dar fejn kien joqghod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux ghax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta izda ghax kien jaf bix-xiehda l-ohra kontrieh u biex jiehu l-beneficcju, li fil-fatt inghata, taht l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*F'kaz iehor deciz mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet Graziella Attard vs Avukat Generali, f'liema kaz il-posizzjoni legali fit-tehid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u ghalhekk qabel gie fis-sehh id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha, wara li rreferiet ukoll ghall-kaz ta' Beuze v. Belgium, l-istess Qorti kkonkludiet illi:*

*"10. Madanakollu, billi c-cirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma tithalliex tkellem avukat huma l-eccezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li thares dritt fondamentali mhux biss "qieghda tigi" izda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tigi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza moghtija fl-24 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Generali, illi ma jkunx ghaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li johloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliggenti li hadet fil-kaz ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-process kriminali jithalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija moghtija mill-attrici lill-pulizija ghaliex tqis illi, fic-cirkostanzi, in-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' pregudizzju ghall-attrici, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]*

*Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:*

*"18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titnehha mill-inkartament, aktar milli rimedju ghal ksur li, wara kollox, ghadu ma sehhx, huwa garanzija tal-integrità tal-process u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jigrix li l-process kontra l-attrici jkollu jithassar wara li jintemm, b'hela ta' hin u rizorsi, li tkun forma ohra ta' ingustizzja ghax il-ligijiet ghandhom iharsu mhux biss lil min hu mixli b'reat izda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*

*19. Il-qorti ghalhekk terga' ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali ...".*

*Huwa evidenti illi fil-kaz odjern, jehtieg li din il-Qorti tezamina c-cirkostanzi li ghandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq stante li m'ghandhiex kompetenza li taghmel dan, izda sempliciment mil-lat tal-valur probatorju li ghandha tinghata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, tenut kont madankollu tal-gurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-kaz ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkuzat ghal smiegh xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni taghha tal-overall fairness of the proceedings strahet hafna fuq il-fatt illi l-akkuzat ma nghatax access ghall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tieghu ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuza partikolari, l-istqarrijiet tieghu kellhom impatt tali illi wasslu ghal sejbien ta' htija. Fil-kaz ta' Paul Anthony Caruana, imbaghad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur ghal smiegh xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bhala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata*

*minnu lill-Pulizija, izda a bazi tal-ammissjoni tieghu fil-proceduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata minghajr il-jedd ta' access ghall-avukat, ikollha impatt fuq lezitu tal-proceduri, jew fi kliem iehor fuq is-sejbien ta' htija tal-imputat.*

*Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza taghha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, Omissis, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet rassenja tal-gurisprudenza, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonoxxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti ghamlet referenza ghal Beuze v. Belgium, kif ukoll ghas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew ghal din id-decizjoni, fosthom Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti strahet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi ohrajn, minkejja li l-imputat ma nghatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu, fil-waqt illi kien inghata l-jedd ghall-parir legali qabel tali interrogatorju, Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et fuq citata, kif ukoll Stephen Pirotta vs Avukat Generali et tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma garrab ebda ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq bil-fatt illi ma kienx inghata l-ghajnuna ta' avukat waqt linterrogazzjoni tieghu u dan wara li kkunsidrat illi:*

*"Fil-kaz tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien hati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tieghu, kif wara kollox gharfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti gharfet ukoll illi l-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali waslu ghall-konkluzjoni tal-htija tal-attur bis-sahha ta' xiehda ohra barra l-istqarrija tieghu. Meqjus il-process kriminali fl-intier tieghu, ma jistax jinghad illi l-attur ma nghatax smigh xieraq: kellu gharfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nzamm mistur xi taghrif li kellha l-pulizija; kellu ghajnuna ta' avukat waqt il-process quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jaghmel kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab hati bis-sahha ta' xiehda oggettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tieghu, rabtitu mal-incident u ma setghetx thalli dubju dwar il-htija tieghu."[sottolinear ta' din il-Qorti]*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet Farrugia vs. Malta, reza finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttiehdet fil-kaz ta' Beuze u kompliet hekk:*

*"Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."*

*Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza giet deciza billi l-Qorti ddikjarat illi:*

*"fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".*

*Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-kaz kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq citat, in kwantu kuntrarjament ghal Pistella, Aiello kien irrinunzja ghad-dritt tieghu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tieghu u ma giex muri li huwa xtaq li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, r-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bhala persuna vulnerabbli u lanqas irrizultat xi prova fis-sens illi c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu ghalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tieghu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, izda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eccezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minhabba dak deciz mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Borg.*

*Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jigi investigat u mressaq sabiex jigi gudikat mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti*

*Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu 2020, fejn l-istess Qorti qieset ukoll illi:*

*"21. L-istqarrija in kwistjoni m'hijiex l-unika prova għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proceduri kriminali jirrizulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura nizlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga." [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*Is-sentenzi fuq citati huma lkoll konkordi f'aspett specifiku u cioe` li f'kull kaz l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkuzi dedotti.*

*Fis-sentenza tagħha Il-Pulizija vs Carmel Polidano et imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:*

*"Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata għal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra tagħhom u li għalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittieħdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi għalihom bħala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll għandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u oħra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttieħdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uħud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx tagħti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-teħid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi għal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li ddritt għal smiegħ xieraq għandu jiġi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.*

*Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-aħħar xhur, fejn il-Qrati qegħdin iħarsu lejn il-proceduri fit-totalita' tagħhom sabiex jiġi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet meħuda matul l-investigazzjoni mingħajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt għal smiegħ xieraq. Din il-Qorti ma għandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk għandhiex tieħu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet oħra fl-istadju tal-investigazzjoni mingħajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti għalhekk*

*tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."*

*Irid jinghad ukoll illi fis-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni taghha:*

*"26. Kif diga` issemma, il-fatt wahdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiducja tal-attur m'huwiex bizzejjed sabiex jaghti lok ghall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq.*

*Madankollu l-uzu ta' dik l-istqarrija fil-proceduri kriminali, li fiha l-attur ammetta ghal uhud mir-reati li akkuzat biha, taf twassal sabiex isehh dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-gurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.*

*27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawza kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw ghad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taht arrest. Fis-sentenza ricenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tishaq:*

*"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

*28. Irrispettivament taqbilx mar-ragunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-gurisprudenza kienet cara meta nghatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett procedurali. Dan ghalkemm bis-sentenza*

*Ibrahim and Others v. The United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber ghamlet enfazi fuq l-'overall fairness' tal-proceduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet ticcara kif kellu jigi applikat dak il-principju.*

*29. Fl-ahhar mill-ahhar il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendenti jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu. Illum il-gurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qeghda taddotta din il-posizzjoni f'decizjonijiet preliminari li qeghdin jinghataw (hekk per ezempju r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana decizjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello tat-3 ta' Dicembru 2019).*

*30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaggornaw ruhhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroducu disposizzjoni fil-Kodici Kriminali li s-suspettat ghandu jedd ghall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodici Kriminali), li fost mizuri ohra assigurat id-dritt tas-suspettat ghall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.*

*Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, b'dan li taghti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proceduri kriminali The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuza numru 11/2015) ma tippermettix l-uzu bhala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."*

*Fis-sentenza taghha tad-29 ta' Lulju 2021, fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut, il-Qorti Kriminali qalet hekk dwar din il-materja wara li rreferiet fit-tul ghall-gurisprudenza tal-Qrati Maltin u tal-Qorti Ewropea dwar l-istess:*

*"Fil-gurisprudenza ndikata iktar il-fuq, ma jistax ma jigix innutat li filwaqt li certu sentenzi jenfazizzaw l-inammisibilta' ta' stqarrija, meta susspetat ma kienx akkumpanjat mill-avukat tieghu qabel u fil-hin talinterrogazzjoni, stante li difett bhal dan ma jistax jigi sanat, sentenzi ohrajn jtennu illi sempliciment ghax susspettat ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tieghu qabel u fil-hin tal-interrogazzjoni ma ghandux awtomatikament ifisser li l-istqarrija li hu jkun irilaxxa hija inammissibli u ghaldaqstant tali proceduri ghandhom jigu evalwati fit-totalita' taghhom u jittiehed kont tal-'overall fairness' ta' l-istess proceduri.*

*Din il-Qorti tinnota b' dispjacir u tenfasizza li certament ma jistax jinghad li hemm certezza legali u cioe' 'legal certainty' dwar din il-kwisjtoni." [sottolinear ta' dik il-Qorti]*

*B'mod partikolari, il-Qorti rreferiet ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello, fejn bhal fis-sentenza fil-kaz ta' Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf, Josephine Wadi, tal-istess jum, dik il-Qorti kkonkludiet hekk dwar stqarrijiet rilaxxjati fiz-zmien meta suspettat ma kellux id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu:*

*"23. Ghaldaqstant maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jisthoqqlu akkoljiment b'dan illi filkors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemghu il-provi kollha, flindirizz finali, l-Imhallef togat ghandu jaghti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta' l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttiehdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwiehhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, ghall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tieghu li jitlob revizjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tieghu."*

*Dwar dan il-Qorti Kriminali kompliet hekk:*

*"Din il-Qorti temfasizza li nonostante l-fatt li l-legislatur ma ghamilx regola li teskludi l-ammissjoni ta' stqarrija rilaxxata fi zmien fejn suspettat ma kellux id-dritt li jkollu Avukat prezenti suspettat, tqis li wiehed ma jistax jistenna li l-legislatur sejjer jindika c-cirkostanzi kollha ta' meta prova ma ghandhiex valur probatorju. Izda d-decizjoni dwar jekk prova ghandhiex valur probatorju ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qrati.*

*Din il-Qorti in oltre' taghmilha cara li ma taqbilx li stqarrija rilaxxata minghajr ma persuna tkun inghatat id-dritt li jkollha Avukat prezenti qabel u waqt it-tehid tal-istqarrija ghandha tibqa' in atti, tigi murija l-gurati u li jkun fl-indirizz li l-Qorti taghti direzzjoni lil gurati dwar il-valur probatorju taghha. Wiehed ma jistax jinsa' li meta si tratta ta' gurati ta' fatt, ma jistax jinghad li bil-fatt li l-Imhallef ikun ta' direzzjoni sabiex l-istqarrija ma tinghatax valur probatorju sejjer jigi assigurat li l-gurati mhumiex se jkunu gia influwenzati b'dak imnizzel fl-istqarrija li tkun a disposizzjoni taghhom." [enfasi ta' dik il-Qorti]*

*L-istess Qorti mbaghad irreferiet ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-istess jum ossia tas-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat fuq citata, kif ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet The Police vs Alexander Hickey tal-istess jum, fejn il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni differenti, u fl-ahhar kaz iddecidiet li ma kellux isir uzu mill-istqarrijiet tal-imputat minkejja l-fatt li dawn kienu gew anke ikkonfermati bil-gurament u kienet giet registrata ammissjoni fil-mori tal-proceduri. Fir-rigward ta' dan tal-ahhar madankollu din il-Qorti tirrileva wkoll illi l-imputat kien ghadu minuri meta rrilaxxja l-istqarrijiet tieghu u tenut kont ta' cirkostanzi ohrajn imsemmija fl-istess sentenza, seta' jigi meqjus bhala persuna vulnerabbli.*

*Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kriminali mbaghad irreferiet ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet Clive Dimech vs Avukat Generali, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fejn inghad hekk:*

*"Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta t-tieni eccezzjoni tal-intimat ghaliex jekk din tintlaqa' ma jkunx hemm htiega li tezamina l-eccezzjonijiet lohrajn. Huwa skontat li m'hemm l-ebda jedd fundamentali taht Art. 39 tal-Kostituzzjoni jew taht Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni bhala tali. Hemm jedd fundamentali ghal smiegh xieraq. Biex jigi stabbilit ksur ta' dan il-jedd, irid jigi ezaminat il-process – f'dan il-kaz process kriminali – fit-totalita` tieghu u mhux jigi maqsum biex issir enfasi fuq xi episodju partikolari. F'dan il-kaz il-proceduri ghadhom fil-bidu taghhom u ghalhekk mhux possibbli f'dan l-istadju li l-Qorti tbassar kif sejjer ikun l-iter processwali shih. Dan ma jfissirx li element procedurali partikolari ma jistax minnu nnifsu ikun tant deciziv li l-korrettezza tal-process ma tkunx tista' tigi ddeterminata qabel. Imma f'dan il-kaz ilQorti ma tista' ssib l-ebda cirkostanza bhal din. Ir-rikorrent gie avzat, skont id-disposizzjonijiet tal-ligi kif kienet dak iz-zmien, bid-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni. Huwa rrinunzja ghal dan iddritt. Huwa minnu li waqt l-interrogazzjoni ma kienx assistit minn avukat u ma giex infurmat li ghandu dritt bhal dan. B'danakollu gie mwissi li kellu d-dritt li ma jwegibx ghad-domandi u fil-fatt ir-rikorrent ma wiegeb ghall-ebda domanda li saritlu. Ghalhekk ma jirrizultax –dejjem f'dan l-istadju - li r-rikorrent sofra xi nuqqas ta' smiegh xieraq.*

*Ma ressaq l-ebda prova li bis-silenzju tieghu seta' nkrimina ruhu;"*

*F'dan ir-rigward, il-Qorti Kriminali kompliet hekk:*

*"Sussegwentament, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet 'Clive Dimech v. Avukat Generali' datata is-27 ta' Jannar, 2021 ipprovdiet illi peress li*

*l-akkuzat ma wiegeb ghall-ebda domanda waqt l-interrogazzjoni, din ma kienitx ser tkun ta' pregudizzju ghallistess akkuzat. Minkejja dan, din il-Qorti xorta wahda enfasizzat li jkun floku li fil-proceduri kriminali ma jsirx uzu mill-istqarrija bhala prova.*

*L-akkuzat, Clive Dimech, ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet maghmula lilu u ghaldaqstant l-istqarrija ma kienitx wahda nkriminanti. Madankollu, il-Qorti xorta wahda pprovdiet illi din m'ghandiex tintuza bhala prova u ghal din ir-raguni din is-sentenza hi ta' sinifikat.*

*Sal-lum il-gurnata, ghadu mhux stabbilit b'certezza jekk ikunx hemm ksur ta' dritt tas-smiegh xieraq meta akkuzat kemm qabel kif ukoll matul l-istqarrija ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tal-fiducja tieghu meta l-ligi dak iz-zmien ma kienitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghaldaqstant din l-istqarrija ghandiex tigi sfilzata o meno. Din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li tqis jekk hemmx possibilita' ta' ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq, izda ghandha tqis biss jekk l-istqarrija hiex inammissibli jew le.*

*Fis-sentenza ricentissima fl-ismijiet 'Christopher Bartolo vs Avukat ta l-Istat', Il-Qorti ddecidiet bl-istess mod ta' kif iddecidiet fis-sentenzi Onuorah Morgan vs Avukat Generali u Clive Dimech vs Avukat Generali indikati supra. Din il-Qorti rreteniet is-segwenti:*

*74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittiehed bilgaranziji kollha li jharsu d-drittijiet ta' min ikun qieghed jirrilaxxja ghaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina talprovi. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'pagna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall." Iġifieri, prova wahda ottenuta kontra l-liġi, tista' wahedha tikkontamina l-proċess kollu.*

*Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:*

*79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkoncilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddecidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018. Dik ilQorti ordnat, li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal ghall-konklużjoni li l-*

*konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma ghandhomx ukoll ikunu mwarrbin.*

*Kważi kwazi dan ghandu xebh mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tieghu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess.*

*80. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li gew lezi lartikolu 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament." [enfasi ta' dik il-Qorti]*

*Il-Qorti Kriminali mbaghad ikkonkludiet hekk fis-sentenza taghha:*

*"Illi ghal darba ohra din il-Qorti qed tenfasizza illi m'ghandiex kompitu tiddecidi kienx hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, madankollu ghandha kompitu li tiddecidi fuq l-ammisibilta' o meno tal-istqarrija tal-akkuzat u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-overall fairness tal-proceduri.*

*B'referenza ghal punti elenkati f'Beuze aktar il-fuq, fost ohrajn, jirrizulta illi l-akkuzat kien maggorenni u ma ngghabet l-ebda prova li dan b'xi mod jista' jigi kkunsidrat bhala vulnerabbli. Ma jirrizultax illi c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienet intimidanti u l-istess stqarrija inghatat volontarjament.*

*Irid jigi enfasizzat illi meta l-akkuzat irilaxxa din l-istqarrija, il-ligi taghna ma kinietx tipprovdi ghad-dritt ta' l-assistenza legali qabel u waqt l-interrogazzjoni. Hawn hekk il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenzi sucitati fosthom Borg vs Malta u Navone and Others v. Monaco fost ohrajn, fejn gie ritenut illi jekk l-akkuzat/suspettat ma bbenifikax mid-dritt ta' l-assistenza legali minhabba systematic restriction, allura jirrizulta ksur ta' Artiklu 6 ta' Konvenzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.*

*Din il-Qorti tinnota illi ma gewx imressqa xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex l-akkuzat ma jithalliex ikollu avukat prezenti kemm qabel u kemm waqt l-interogazzjoni tieghu u stante li l-unika raguni kienet ta' restrizzjoni sistematika.*

*Fl-istqarrija tieghu l-akkuzat Sammut qieghed jaghti rendikont dettaljat, fejn fih qieghed jammetti l-involviment tieghu fir-reati li permezz taghhom qieghed jigi akkuzat. Ghaldaqstant u minghajr ebda dubju, din l-istqarrija thalli mpatt sinifikanti fuq il-proceduri kontra l-akkuzat.*

*Issir referenza ghas-sentenza ricenti moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi, liema sentenza ma gietx appellata mill-Avukat Generali, fejn il-Qorti ccitat id-diversi sentenzi msemmija f'din l-istess sentenza u wara li gibdet l-attenzjoni dwar id-divergenzi tas-sentenzi moghtija fuq dan is-suggett u l-importanza tal-legal certainty, ikkonkludiet billi ddikjarat l-istqarrija ta' l-akkuzat inammissibli u sussegwentament talbet l-isfilz taghha. Din is-sentenza giet segwita wkoll b'zewg sentenzi ohra flismijiet Il-Pulizija vs Yousef Essesi u Il-Pulzija vs Kevin Tabone*
*li gew decizi bl-istess mod.*

*Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leziva tad-drittijiet tal-akkuzat, in vista tal-fatt li l-Qrati ghadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar stqarrija li giet mehuda minghajr ma l-akkuzat kellu assistenza legali, kemm qabel, kif ukoll waqt l-istqarrija, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process, din l-istqarrija hekk rilaxxata fid-9 ta' Settembru, 2009 f' 16.54pm u tinsab a fol 31 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, kif ukoll l-istess stqarrija li giet igguramentata millakkuzat nhar 14 ta' Settembru, 2009 quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona u li tinsab a fol. 83 tal-process u kull referenza ghaliha, ghandhom jigu ddikjarati inammissibli." [enfasi ta' dik il-Qorti]*

*Fil-kaz odjern, huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputat jinghata l-jedd li jottjeni parir legali qabel u waqt l-interrogatorju tieghu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda pregudizzju ghalih, stante li huwa ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti li wasslu sabiex huwa jigi akkuzat bir-reati mertu ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti qed tqis ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat kien guvni ta' dsatax-il sena, b'fedina penali kwazi netta. Ghalhekk tikkunsidra illi fic-cirkostanzi, ikun izjed ghaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq citati, kif ukoll il-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija, u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija mehuda lill-imputat minghajr il-jedd li huwa jottjeni parir legali qabel u waqt l-interrogatorju tieghu, bhala prova inammissibbli, anke jekk din setghet sussegwentement giet guramentata minnu, la darba m'hemmx il-prova li f'xi hin huwa nghata d-dritt li jottjeni parir legali. Dan naturalment japplika wkoll ghal dak li xehed l-Ufficjal Prosekutur in kwantu rrefera ghal dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu u ghal dak li xehdu l-Ufficjali tal-Pulizija dwar dak li nghad mill-imputat fil-presenza taghhom gewwa l-ghassa ta' Birzebbugia wara li nghata biss is-solita twissija skont il-ligi."*

Ghal darb' ohra, din il-Qorti, wara li qieset il-gurisprudenza nostrana, inkluz dik appena citata minnha, sejra tiskarta l-kontenut tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat u dana stante li dan xehed quddiem il-Perit Mario Cassar, minghajr ma nghata d-debita *caution*, minghajr ma' nghata d-dritt li jkellem avukat qabel ma' jaghti l-istqarrija tieghu, u minghajr ma kellu avukat prezenti mieghu waqt li kien qed jaghti tali stqarrija.

**Ikkunsidrat:**

Stabbiliti dawn il-punti, din il-Qorti sejra tqies dawk il-provi li jifdal u li huma ammissibbli u b'valur probatorju.

Meta tevalwa din ix-xhieda izda, din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni ressqet dawk il-provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, sabiex tinstab htija fl-imputat. Ghalkemm il-prova li sehh dan l-incident tressqet, il-Prosekuzzjoni izda naqset, li tressaq l-ahjar prova dwar in-ness ta' kawzalità bejn l-incident li sehh u l-imputat.

Illi l-Artikoli 225 tal-Kodici Kriminali li bih gie akkuzat l-imputat, jirrigwardjaw reati fejn persuna tmut jew tkorri minhabba traskuragni, nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom, jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova nexus bejn in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u dak li jkun gara. Dak li issa trid tara din il-Qorti huwa, jekk tressqux provi li kien hemm rabta bejn l-imputat u l-event dannuz. Dak li din l-Qorti trid tara huwa, jekk kienx hemm xi nuqqas t'osservanza da parti tal-imputat, tar-regolamenti applikabbli, jew xi nuqqas ta' hsieb u/jew traskuragni.

F'dan l-isfond, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Frar, 2020, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Joseph Cortis**. F'dik is-sentenza saret referenza ghas-segwenti gurisprudenza:

Saret referenza ghas-sentenza tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli**, deciz mill-Qorti Kriminali nhar l-4 ta' Frar, 1961, mill-Imhallef Guzè Flores: -

*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.*

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46)...Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall- prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in- nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi.*

*Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il- konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq in-nuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is- sitwazzjoni tkun tipprezenta. Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita` bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent.*

*Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistix ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu. L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi*

*fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti.*

Saret referenza wkoll ghall-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Richard Grech,** deciz fil-21 ta' Marzu, 1996, fejn intqal: -

*Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil- kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*

Il-Qorti tal-Appell kompliet billi ghamlet referenza ghall-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-31 ta' Lulju, 1998, fejn gie osservat : -

*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju.*

Dik il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ukoll ghal dak li l-Professur Sir Anthony Mamo jghid, fin-Noti tieghu f'pagna 67: -

*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable...The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference*

*to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.*

Saret referenza wkoll ghas-sentenza, **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar**, il-Qorti tal-Magistrati ppresjeduta mill-Magistrat illum Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, nhar l-20 ta' Novembru, 2004, kienet stqarret is-segwenti: -

*Kif spjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).*

*In fatti kemm fil-Codice Zanardelli kif wkoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita.*

*Kif jispjiega l-gurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta...Id-definizzjoni tal-Crivellari fil-Codice Penale - Vol III hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :*

*"la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto." (pagna 228, para. 32.).*

*Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-nexus li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta chain of causation bejn l-att li holoq id-danni u d- danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per Imhallef Harding li "Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist." Fil-fatt jkompli jghid:*

*"The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations."*

*Fil-fatt Maino fil-ktieb tieghu Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286) jghid*

*"E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita."*

*L-ezercizzju li l-ligi taghna timponi huwa biss l-ezami tal-operat tal-imputat li jkun biex jigi stabbilit kienx hemm da parti tieghu, xi att ta' kommissjoni jekk dan in-nuqqas kienx kawza anke jekk mhux l-unika wahda tal-event dannuz. Ma hemmx dubbju kif gie rilevat fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Joseph Busuttil et deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 1992 li l-persuna responsabbli mit-tmexxija tax- xoghol fuq il-post tax-xoghol hi tenuta tiehu l-prekawzjonijiet necessarji fic-cirkostanzi u dettata mir-raguni biex tigi evitata disgrazzja...S'intendi, isegwi ghalhekk li l-kulpa tista tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Awtorita pubblika dwar il-modalita ta' kif ghandu jsir xoghol f'sit taht kostruzzjoni u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita ta' hsara u dannu lil terzi, cioe dak lijkollu l-element ta' prevenzjoni bhalma hi l-Att dwar l-Awtorita tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-post tax- Xoghol [Att XXVII tas-sena 2000] Kap 424.*

Tal-istess portata hija s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Norbert Grixti,** deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 2016, mill-Magistrati Dottor Donatella Frendo Dimech.

Issa ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, u kif ukoll l-imputazzjonijiet l-ohra, din il-Qorti tqis li mill-provi li gew imressqa f'din il-kawza, u li ghandhom valur probatorju, irrizulta li:

Adrian Zammit huwa Project Manager *self employed* u Direttur ma' Key Contractors. Dan irrizulta mix-xhieda moghtija f'din il-kawza, mir-rapprezentant tal-Jobs plus u PL Quentin Tanti.

Din il-Qorti qieset ukoll l-osservazzjonijiet li ghamel fuq il-post tal-incident, il-Perit Mario Cassar, liema osservazzjonijiet ma kinux ibbazati minn fuq xhieda li sema'. Dawn l-osservazzjonijiet kienu s-segwenti:

i. Il-vittma waqa' f'distanza ta' madwar 60 centimetru 'l boghod mill-hajt ta' l-*esclator*, u dana seta' jikkonstatah mid-demm tal-vittma li kien ghadu fuq il-post;

ii. Il-vittma waqa' minn gholi ta' 8.38 metri mill-*platform* tal-*iscaffolding*, illi kien fuqu ghal-livell tal-pjan terran.

iii. Is-sistema ta' scaffolding kienet tikkonsisti f'sistema strutturali maghmula mill-istess elementi ta' scaffolding, illi sserrah fuq il-gnub tal-fetha fejn hemm l-*escalators*.

iv. Bejn il-*platform* u s-saqaf tat-tieni sular, kien hemm distanza ta' 1.49 metri u kien hemm *handrail* orizzontali, li kien 0.57 metri 'l fuq mill-platform;

v. Kien hemm *plastic sheeting* fuq l-istess *platform* u fuq ir-*railing* ta' madwar il-fetha fejn hemm l-*escalators;*

vi. Mit-tarf tal-*platform* tal-iscaffolding ghal-livell tal-art tat-tieni sular, kien ghad hemm fetha illi fiha metru b'1.8 metri. Din kienet il-fetha minn fejn waqa' l-vittma.

Il-Qorti qieset ix-xhieda tal-haddiema - Craig Pettingill, Ibrahim Mohammed, Sebastiano Campanelli u Cristoforo Nicolosi, mismugha mill-Perit Mario Cassar, li lkoll sostnew li ma rawx l-incident isehh.

Qieset ukoll ix-xhieda mismugha mill-Perit Mario Cassar ta' Michael Azzopardi, li kien inkarigat mid-disinn u ko-ordinazzjoni tax-xogholijiet. Dan spjega li Key Contractors kienu nkarigati mill-kisi, gypsum, dawl, ilma, tqeghid ta' madum u *finishings* ohra. Spjega li giet ikkuntattjata Scaffolding Services sabiex jigi armat scaffolding. Spjega li ltaqa' ma' certu George Azzopardi minn Scaffolding Services u wara li l-iscaffolding kien kwazi lest, dan iccertifikah. Ikkonferma li c-certifikat dwar dan l-iscaffolding kien sar mill-Perit Ruben Vassallo, u li huwa ma kellux x'jaqsam ma' Shields. Sostna li l-vittma kien fuq il-*platform* wahdu u kien qieghed jizbogh.

Ikkunsidrat ix-xhieda ta' Albert Galea, li huwa Manager ta' Key Contractors (mhux direttur ta' Key Contractors) moghtija quddiem il-Perit Mario Cassar, li spjega li Key Contractors giet ingaggata mill-kumpanija Switch, Michael Azzopardi. Spjega li huma bdew ix-xoghol ghall-ahhar gimgha ta' Settembru, u li huwa ma kellux x'jaqsam ma' l-iscaffolding. Ikkonferma li l-vittma beda jahdem ma' Key Contractors, dakinhar stess. Sostna li ma jafx jekk l-iscaffolding kienx certifikat. Sostna li hemm insurance li tkopri l-haddiema u li s-sid ta' Key Contractors huwa Adrian Zammit.

Ikkunsidrat ix-xhieda ta' Joseph Buhagiar, li huwa Konsulent ma' Vassallo Group fuq OHSA, li sostna li huwa ma giex konsultat biex jaghti *feedback* fuq dan il-progett, li fih kien involut George Azzopardi ta' Scaffold Solutions. Sostna li Azzopardi f'dan il-kaz, ma kinx hass il-htiega li jikkonsulta mieghu.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' George Azzopardi ta' Scaffold Solutions, li gie nkarigat minn Michael Azzopardi. Spjega li huwa kellu ritratti ta' fejn kien ser jintrema l-iscaffolding, u kien tkellem mal-haddiem sabiex f'kaz ta' problema, jikkuntatjawh. Sostna li huwa ghadda r-ritratti tal-iscaffolding lill-Perit, li mbaghad hareg certifikat. Sosnta li huwa ma kkonsultax ma' Joseph Buhagiar. Qal li ma jafx minn ghamel il-*plastic sheeting* minn fuq il-*platform* tal-iscaffolding ghal fuq il-*handrail*. Sostna li huwa kien qal lil Michael Azzopardi, il-Project Manager, jekk jistax jaghmel *handrail* aktar *close* lejn is-saqaf, izda dan kien qallu li ser jizbogh bir-*roller*. Sostna li minhabba li l-haddiem kellu jizbogh fuq irkubbtejh, il-livell tal-*handrail* tal-iscaffolding ma setax jigi mgholli. Sosta li huwa kien informa lil Michael Azzopardi, li l-*headroom* fuq *platform* kienet gejja baxxa hafna.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda moghtija minn Norbert Ciappara fl-atti tal-inkjesta, izda limitatament ghal dawk il-partijiet ta' xhieda li kienet konstatazzjonijiet

ta' fatti, u li ma kinitx ibbazata fuq xhieda li nghatat minn ko-imputati. Minn din ix-xhieda, gie stabbilit fejn gara l-incident. Irrizulta li l-scaffolding kellu xi nuqqasijiet li kienu jipprezentaw periklu, u cioè:-

(i) kellu poggamani baxxi fl-gholi, li jista' jkun ta' periklu ghall-haddiema li jahdmu fuq il-pjattaforma (waqghat mill-gholi);
(ii) access u hrug minn fuq scaffolding mhux sigur (Periklu ta' waqghat mill-gholi);
(iii) l-armar (scaffolding) ma kienx mibni biex ikopri z-zona perikoluza kollha ta' fejn kien sejjer isir ix-xoghol (wisghat miftuha);
(iv) pjattaforma li wicc tal-iscaffolding kien miksi b'folji tal-plastik, li jistghu jipprezentaw periklu li wiehed jista' jiżloq, u wisghat miftuha li kienu mghottija bil-plastik; u
(v) wisghat miftuha fuq iz-zewgt ignub tal-armar (scaffolding).

Hadet in konsiderazzjoni, ix-xhieda moghtija minn Norbert Ciappara, fl-atti ta' din il-kawza. Madanakollu, f'din ix-xhieda, Ciappara jaghmel referenza ghal informazzjoni li sar jaf minn xhieda li sema', u li già gie ddikjarat minn din il-Qorti, li x-xhieda taghhom mhijiex ser tigi kkunsidrata ghar-ragunijiet esposti iktar 'il fuq. Jaghmel ukoll referenza ghal dak li kien qallu certu Edmond Vella, li kien ghamel rapport wara l-incident, izda Edmond Vella baqa' qatt ma tressaq f'din il-procedura bhala xhud. Issemma' wkoll *CCTV footage,* li qatt ma gie ezebit f'dawn l-atti. L-istess Ciappara sostna li huwa ma ndagax mal-imputat dwar xi *training* jew xi *superviosion* kien inghata l-vittma, vis-à-vis dak ix-xoghol li kien ser jaghmel.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' John Schembri, moghtija f'din il-kawza qua, Direttur ta' Shield Consultants u Paul Chetcuti li kien jahdem ma' Shield Consultants. Dan ta' l-ahhar ikkonferma, li l-involviment tieghu kien biss wara l-incident, fejn kien assista lil Edmond Vella tlett ijiem wara li sar l-incident. Regghet qieset ix-xhieda ta' Martin Sant li kien Security Officer fuq il-post fejn sehh l-incident, li lanqas ma xehet l-ebda dawl iehor fuq dan il-kaz, b'referenza ghall-imputazzjonijiet imressqa.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti wara li qieset l-provi ammissibbli u li ghandhom valur probatorju ghal dan il-kaz, tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tal-imputat. Hija nieqsa l-prova ta' ness ta' kawzalità bejn dan l-incident u l-agir tal-imputat. Anke ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet mahruga taht il-Kap 424 u l-ligijiet

sussidjarja vigenti taht l-istess Kap, ma tressqu l-ebda provi li jistghu jwasslu lil din il-Qorti, biex issib htija fl-imputat. Ghaldaqstant, din il-Qorti, fic-cirkostanzi, ma ghandhiex triq ohra ghajr li tillibera lill-imputat minn kull kundanna u htija.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur